MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2012

Numru. 874/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Tony Cachia)**
**vs.**
**David Bonnici**

**Kumpilazzjoni Numru 874/2011**

**Illum 6 ta’ Frar 2012**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat David Bonnici ta’ erbgha u tletin (34) sena, bin Walter Bonnici u Theresa Bonnici nee’ DeGiorgio, imwieled San Giljan, nhar l-4 ta’ Jannar 1977, residenti 27, Triq Campis, Zebbug, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 83777 (M) akkuzat:

(a) Talli nhar is-6 ta’ Frar 2011 minn gewwa r-residenza 27, Triq Campis, Zebbug, ikkometta serq ta’ kompjuter u “heater” tal-gass ghas-somma ta’ disa’ mija u erbghin Euro (€ 940.00) ghad-detriment ta’ Theresa Bonnici u Walter Bonnici, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur peress li l-ammont tal-hwejjeg misruqa jiswew aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94), kif ukoll ikkwalifikat bil-persuna;

(b) Talli rrenda lilu nnifsu recidiv, meta gie kkundannat b’sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

(c) Talli kiser il-provediment ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta permezz ta’ sentenza datata 24 ta’ Novembru 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tapplika l-provediment skond l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghar-rigward tar-restituzzjoni jew kumpens ta’ kull haga li giet misruqa.

Rat li fid-29 ta’ Lulju 2011 l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-13 t’ Ottubru 2011, l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha l-ohra tal-kaz.

Semghet il-provi

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat, fost l-ohrajn, li seraq kompjuter u *heater* tal-gass minn ghand Theresa u Walter Bonnici, li rrizulta li huma l-genituri tieghu. Irrizulta mill-provi li l-imputat ghandu problema tad-droga. F’dawn il-proceduri, xehdu, fost l-ohrajn, il-genituri tal-imputat. Meta xehed Walter Bonnici, li huwa missier l-imputat, dan

ghazel, mal-ewwel, li jirtira l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' ibnu. Meta xehdet in ezami Theresa Bonnici, omm l-imputat, filwaqt li hija kkonfermat li l-imputat binha kien serqilhom l-affarijiet indikati fl-akkuza, hija kienet irrabjata hafna ghal dak kollu li kien qieghed jaghmel binha. Hija uzat il-kliem is-segwenti: *"Ahna l-hajja taghna qieghda kundizzjonata minnu mill-vizzju tieghu"*[1]. Meta xehdet in kontro-ezami f'seduta sussegwenti, omm l-imputat iddikjarat li kienet qed tahfer lill-imputat ghal dak li kien ghamel. Apparti l-genituri tal-imputat, xehed ukoll Donald Vella li spjega kif fil-bidu tas-sena 2011 wasal biex xtara kompjuter minn ghand l-imputat.

Illi xehed ukoll l-Ispettur Cachia li pprezenta zewg sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat: wahda moghtija fis-16 ta' Novembru 2006[2] u ohra moghtija fil-11 ta' Marzu 2009[3].

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, din tirrizulta pruvata u minkejja li missier l-imputat ghazel li jirtira l-akkuzi fil-konfront tal-imputat u minkejja li omm l-imputat ghazlet li tahfirlu, xorta jibqa' l-fatt li a rigward is-serq aggravat (l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat), l-azzjoni ghandha titmexxa *ex officio*. Minkejja dan, dak dikjarat mill-genituri tal-imputat ser jittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti ai fini ta' piena.

Illi, fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, din tirrizulta pruvata u dana *stante* li gew esebiti s-sentenzi msemmija aktar qabel, minn liema sentenzi jirrizulta li l-konnotati hemm indikati tal-persuna li fil-konfronti taghha inghataw is-sentenzi huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna u ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li dawn is-sentenzi fil-fatt inghataw fil-konfront tal-imputat odjern David Bonnici.

[1] *Fol.* 12 tal-process.
[2] *Fol.* 44 tal-process.
[3] *Fol.* 41 tal-process.

Illi, fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, din ma tirrizultax. Apparti li ma giet ezebita l-ebda sentenza datata 24 ta' Novembru 2009, lanqas mill-fedina penali tal-imputat ma tirrizulta.

Illi l-Qorti semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati, il-fedina penali tal-imputat, ir-rinunzja ta' missier l-imputat ghall-akkuzi migjuba kontra ibnu u l-mahfra ta' omm l-imputat.

Il-Qorti thoss li l-imputat ghandu jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jeghleb darba ghal dejjem il-problema tad-droga liema problema qieghda twasslu jikkometti azzjonijiet kriminuzi.

Ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li, minhabba nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(c), 261(d), 267, 268(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat David Bonnici hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu izda, billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlett (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jista' jinghata sentenza ghar-reat li tieghu instab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni ta’ *probation* moghti b’Digriet ta’ llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta’ l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------